**1 ta' April, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

Ernest Cilia

*versus*

Alfred Bugeja

**Proċedura Ċivili – Sfilz ta' Dokument – Firma ta' l-Avukat fi Tmiem l-Atti**

*Ġiet miċħuda talba għall-isfilz tan-Nota ta' l-eċċezzjonijiet għaliex il-Qorti sabet illi l-Atti kienu salvati mill-firma ta' l-Avukat fi tmiem il-lista tax-xhieda.*

Il-Qorti: –

Rat il-verbal ta' l-abbli difensur ta' l-attur li bih talab illi d-dikjarazzjonijiet ma' l-eċċezzjoni tal-konvenut u r-rikors kontestwali jiġu ddikjarati nulli u konsegwentement sfilzati;

Rat ir-risposta ta' l-abbli difensur tal-konvenut;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet ta' l-avukati rispettivi;

Trid tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet;

1. Illi l-Qorti mhix ippreparata li tittollera petizzjoni inutili bħal dik evidenti fl-atti kollha ġudizzjarji ppreżentati sa issa mill-

konvenut. Il-Qorti, tqis tali ripetizzjoni bħala insult għall-intelliġenza tagħha u mhix ippreparata li tittollera dan l-aġir minn ħadd;

2. Illi l-Qorti tirrispetta r-regoli proċedurali kollha mingħajr ma taqbel li għandha tkun skjava tagħhom. Għalhekk disposta li taċċetta l-atti ta' l-eċċezzjonijiet, mhux minħabba l-firma fil-ħames faċċata, imma billi fi tmiem il-lista tax-xhieda, li l-Qorti tara li hu l-veru tmiem ta' l-atti in kwistjoni, hemm il-firma ta' l-avukat, u huwa opportun illi l-proċeduri jiġu salvati;

3. Il-Qorti rat ukoll ir-rikors tal-konvenut fejn talab is-soprasessjoni ta' din il-Qorti sakemm jiġu deċiżi kawżi oħra;

Il-Qorti ma tara ebda utilità li jsir dan u mhix ippreparata li tħalli din il-kawża titwal inutilment;

Konsegwentement tiċħad it-talba tal-konvenut kif ikkontenuta fl-istess rikors.